MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-18 ta' Mejju, 2006

Rikors Numru. 7/2006

**Nardu Balzan Imqareb**

**vs**

**Registratur tal-Qrati tal-Gustizzja**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ippresentat fis-16 ta’ Frar, 2006, li *in forza* tieghu r-rikorrent, wara li ppremetta illi:

Fit-13 ta’ Frar, 2006, mort fir-Registru tal-Qrati tal-Gustizzja nipprezenta Appell quddiem il-Qorti Kostituzzjonali.

L-ewwel pagna ta’ l-imsemmi Appell hija dik ta’ pagna 2 ta’ dan ir-rikors. Kif ukoll l-ahhar pagna ta’ l-imsemmi

Appell, hija dik ta’ pagna 3 ta’ dan ir-rikors. Imma r-Registratur tal-Qrati, illegalment ma halleniex naghmel dan.

L-imsemmi Registratur, kif turi t-tieni (2) talba li jien ghamilt lill-Qorti Kostituzzjonali fl-imsemmi Appell, li tinsab fuq pagna 3 ta’ dan ir-rikors, kellu kull interess li ma jhalliniex nipprezenta l-imsemmi Appell quddiem il-Qorti Kostituzzjonali.

Biex ikolli prova ta’ dan li qieghed nghid, fit-13 ta’ Frar, 2006, stess baghat ittra registrata lill-imsemmi Registratur. (Hares lejn Dok. A).

Fil-qosor il-kaz huwa dan:-

Fit-22 ta’ Settembru, 2005, ipprezentajt quddiem il-Prim’Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) Rikors Nru. 45/05 JRM kontra id-Direttur tar-Registru Pubbliku. Fil-5 ta’ Ottubru, 2005, il-Qorti, presjeduta mill-Imhallef Dr. Joseph R. Micallef LL.D., tat digriet fejn fih kienet oggezzjonat ghal xi kliem miktub minni; u li skond l-istess digriet jien kelli nikkorregi. Billi jien ma qbiltx mad-decizjoni tal-Qorti, fil-5 ta’ Dicembru, 2005, ipprezentajt quddiem il-Qorti tlett (3) eccezzjonijiet. L-ewwel wahda hija dik ta’ pagna 4 ta’ dan ir-rikors. Il-Qorti permezz ta’ verbal moti fl-ewwel 1 ta’ Frar, 2006, ordnat it-tnehhija ta’ l-imsemmija eccezzjoni minn mar-Rikors Nru. 45/05 JRM bla ma tat l-ebda raguni ta’ dan. (Hares lejn Dok. B).

Dawn il-fatti kollha juru li jien kelli kull dritt nipprezenta quddiem il-Qorti Kostituzzjonali l-imsemmi Appell. Imma kif diga’ semmejt ir-Registratur tal-Qrati, bla ma kien awtorizzat mill-ligi, ma halliniex naghmel dan!

Ghal dawn ir-ragunijiet kollha, bir-rispett kollu nitlob lill-Onorabbli Qorti (li ghar-ragunijiet imsemmija m’ghandha tkun qatt presjeduta mill-Onor. Imhallef Dr. Joseph R. Micallef LL.D.) joghgobha:-

1. Tiddikjara li r-Registratur tal-Qrati tal-Gustizzja, mhux awtorizzat mill-ligi li jaghmila ta’ Imhallef biex jiddeciedi

jekk jien kontx gustifikat jew le, li nipprezenta quddiem il-Qorti Kostituzzjonali Appell kontra l-imsemmi verbal moghti mill-Qorti fl-1 ta' Frar, 2006.

2. Tordna lill-imsemmi Registratur ihallini nipprezenta l-imsemmi Appell quddiem il-Qorti Kostituzzjonali.

3. Billi z-zmien li fih jien stajt nipprezenta quddiem il-Qorti Kostituzzjonali l-imsemmi Appell skada fl-14 ta' Frar, 2006, din l-Onorabbli Qorti hija mitluba ukoll tiffissa z-zmien li fih nista' nipprezenta quddiem il-Qorti Kostituzzjonali, l-imsemmi Appell.

Bl-ispejjez.

Rat ir-risposta tal-intimat li *in forza* taghha eccepixxa illi:

1. Preliminarjament li din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex gurisdizzjoni sabiex tittratta din il-kawza *stante* li l-ilment tar-rikorrent ma hux wiehed t'indoli kostituzzjonali dwar ksur ta' xi dritt uman jew libertajiet fundamentali kif stipulati fil-Kostituzzjoni ta' Malta u/jew fil-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. L-ilment tar-rikorrent huwa lment li *semmai* jittratta att amministrattiv, li ghalih hemm rimedji ordinarji stipulati fil-ligi u ghalhekk l-istess rikorrent qabel xejn kellu jezawrixxi tali rimedji ordinarji qabel ma jipproponi tali azzjoni straordinarja.

3. *Oltre* minn hekk ir-rikorrent minn imkien ma indika liema dritt uman jew liberta' fundamentali tieghu ge miksur *ai termini* tal-Kostituzzjoni u/jew tal-Kapitolu 319 u dan ukoll ghaliex ebda tali dritt uman u/jew liberta' fundamentali tieghu ma' tissusisti jew giet miksura.

4. Fi kwalunkwe kaz, ir-Registratur, Qrati Civili u Tribunali kien tenut josserva t-termini tal-verbal ta' din l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta fil-procedura tar-rikors 45/2005, liema verbal datat l-1 ta' Frar, 2006 kien iddifferixxa l-kawza *sine die* sakemm ir-rikorrent jottempera ruhu ma' l-ordni maghmula lilu minn dik l-

Onorabbli Qorti, liema ordni, kif jidher *de visu* mill-verbal stess ir-rikorrent baqa' jirrifjuta li jottempera ruhu maghha.

5. Ghalhekk *stante* n-nuqqas t'ottemperanza ma' l-ordni tal-Qorti *da parti* tar-rikorrent, liema att fih innifsu joqrob lejn l-estremi ta' disprezz lejn l-Awtorita' ta' dik il-Qorti, flimkien man-nuqqas ta' osservanza tal-Ligi procedurali *da parti* tar-rikorrent, wassal lill-intimat sabiex bl-ebda mod ma' l-istess Registratur ikun qieghed jagixxi b'mod dirett jew indirett bhala kompartecipi f'att tar-rikorrent li jmur kontra ordni ta' din l-Onorabbli Qorti u li jista' jwassal ghal disprezz lejn l-Awtorita' taghha.

6. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti tal-kawza kostituzzjonali rikors numru 45/05;

Rat l-atti kollha ta' din il-kawza u d-dokumenti ezebiti;

Semghet lir-rikorrent u d-difensur tal-intimat;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi jirrizulta bhala fatt li r-rikorrent, fit-22 ta' Settembru, 2005, ipprezenta rikors kostituzzjonali quddiem din il-Qorti kontra d-Direttur tar-Registru Pubbliku (rikors numru 45/05). Din il-Qorti, diversament presjeduta, b'digriet tal-5 ta' Ottubru, 2005, ordnat lir-rikorrent jikkoregi u/jew jissostitwixxi kliem li, fil-fehma tal-Qorti, kienu oggezzjonabbli. Fl-udjenza tal-1 ta' Frar, 2006, ir-rikorrent *"wera' l-fehma illi huwa ma jridx ibiddel l-ebda parti mir-rikors kif imressaq minnu"*. Dakinhar stess, il-Qorti iddifferit il-kawza *sine die* sakemm ir-rikorrent jottempera ruhu. Fit-13 ta' Frar, 2006, ir-rikorrent ressaq appell quddiem l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fejn talab ir-revoka tad-decizjoni li hadet din il-Qorti fl-udjenza tal-1 ta' Frar, 2006, u t-tkomplija tal-kawza kostituzzjonali fuq ir-rikors tieghu numru 45/05. Ir-Registratur tal-Qorti irrifjuta li jircievi l-appell tar-rikorrent liema agir, b'dawn il-proceduri, ir-rikorrenti qed jattakka.

L-intimat qed jissottometti, fl-ewwel zewg risposti preliminari tieghu, li l-materja mhux ta' indoli kostituzzjonali u li r-rikorrent kellu rimedji ordinarji ohra li bihom setgha jitlob redress.

Din il-Qorti, wara li trattat dawn iz-zewg risposti, thoss li ghandha taqbel maghhom. Il-principji li jirregola l-materja ta' twettiq ta' rimedji ordinarji gew esposti minn din il-Qorti fil-kawza "Mifsud Bonnici vs Tabone", deciza fl-24 ta' Settembru, 2002; fil-kawza "Tretyak vs Direttur tac-Cittadinanza u Expatriate Affairs", deciza minn din il-Qorti fit-30 ta' Gunju, 2005, u kkonfermat mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fis-16 ta' Jannar, 2006, din il-Qorti kienet ghamlet reassunt tal-principji li japplikaw *in materja* (li maghhom qablet l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali), u ghamlet dawn l-osservazzjonijiet:

*"Illi f'ghadd ta' sentenzi moghtijin f'dawn l-ahhar snin mill-Qorti Kostituzzjonali, gew stabbiliti principji li ghandhom jigu segwiti minn Qorti biex tqis jew huwiex minnu li r-rikorrent kellu ghad-disposizzjoni tieghu rimedju alternattiv effettiv. Fost dawn il-principji wiehed isib li (a) meta jidher car li jezistu mezzi ordinarji disponibbli ghar-rikorrent biex jikseb rimedju ghall-ilment tieghu, ir-rikorrent ghandu jirrikorri ghal tali mezzi qabel ma jirrikorri ghar-rimedju kostituzzjonali, u huwa biss wara li jkun fittex dawk il-mezzi jew wara li jidher li dawk il-mezzi ma jkunux effettivament disponibbli li ghandu jintuza r-rimedju kostituzzjonali; (b) li d-diskrezzjoni li tuza l-Qorti biex tqis jekk ghandhiex twettaq is-setghat taghha li tisma' kawza ta' natura kostituzzjonali ghandha torbot, sakemm ma tingiebx xi raguni serja u gravi ta' illegalita', ingustizzja jew zball manifest fl-uzu taghha; (c) m'hemm l-ebda kriterju stabilit minn qabel dwar l-uzu tal-imsemmija diskrezzjoni, billi kull kaz jehtieg jigi mistharreg fuq ic-cirkostanzi tieghu; (d) in-nuqqas wahdu ta' tehid ta' mezzi ordinarji mir-rikorrent m'huwiex raguni bizzejjed biex Qorti ta' xejra kostituzzjonali taqtaghha li ma tuzax is-setghat taghha li tisma' l-ilment, jekk jintwera li l-imsemmija mezzi ma kinuz tajbin biex jaghtu rimedju shih lir-rikorrent ghall-ilment tieghu; (e) in-nuqqas ta' tehid ta' rimedju ordinarju – ukoll*

*jekk seta' kien ghal kollox effettiv biex jindirizza l-ilment tar-rikorrent – minhabba l-imgiba ta' haddiehor m'ghandux ikun raguni biex il-Qorti twarrab is-setghat taghha li tisma' l-ilment kostituzzjonali tar-rikorrent; (f) l-ezercizzju minn Qorti (tal-ewwel grad) tad-diskrezzjoni taghha bla tistharreg il-materja necessarja li fuqha tali diskrezzjoni ghandha titwettaq, jaghti lil Qorti tat-tieni grad is-setgha li twarrab dik id-diskrezzjoni; u (g) meta r-rimedju jaqa' fil-kompetenza ta' organu iehor jew meta s-smigh tal-ilment tar-rikorrent se jwassal biex l-indagni gudizzjarja u l-process l-iehor tas-smigh tar-rimedju ordinarju jkun duplikazzjoni ta' xulxin, il-Qorti kostituzzjonali ghandha ttendi lejn ir-rifjut li tuza s-setghat taghha kostituzzjonali, sakemm l-indagni gudizzjarja tal-kaz ma tkunx, min-natura taghha, ixxaqleb izjed lejn kwistjoni kostituzzjonali.*

*Illi d-diskrezzjoni li l-Qorti taghzel li tiehu jekk twettaqx jew le s-setghat taghha kostizzjonali biex tisma' kawza ghandha tigi ezercitata bi prudenza, b'mod li fejn jidher li hemm jew sejjer ikun hemm ksur serju ta' drittijiet fondamentali, l-Qorti xxaqleb lejn it-twettiq ta' dawk is-setghat. Irid dejjem jitqies li din id-diskrezzjoni ghandha dejjem tigi wzata fl-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja u tohloq bilanc biex, mill-banda l-wahda, twaqqaf lil min jipprova jabbuza mill-process kostituzzjonali, u mill-banda l-ohra zzomm milli jigi mahluq xkiel bla bzonn lil min genwinament ifittex rimedju kostituzzjonali".*

Illi wara li fliet bir-reqqa l-atti kollha processwali u qieset il-qofol tal-kwistjoni imqanqla mit-talba tar-rikorrent, il-Qorti tikkonkludi li l-istess rikorrent kellu u ghad ghandu rimedju ordinarju taht l-artikolu 469A tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili.

Dak li qed jilmenta minnu r-rikorrent hu att amministrattiv kif imfisser fl-istess ligi. Is-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu jfisser *"eghmil amministrattiv"* bhala li jinkludi kull *"decizjoni jew ir-rifjut ghat-talba ta' xi persuna li jsir minn awtorita' pubblika"*, u dak li sehh f'dan il-kaz huwa, kif ammess, rifjut ta' parti ta' ufficcjal pubbliku li jircievi l-appell tar-rikorrent. Dak ir-rifjut huwa konsegwenza ta'

decizjoni li ha l-intimat li, allura, huwa sindikabbli bi proceduri ordinarji taht l-artikolu 469A tal-imsemmi kodici.

Fil-fatt, ir-rikorrent stess, f'dawn il-proceduri, qed jitlob dikjarazzjoni fis-sens li dak li ghamel l-intimat huwa null *"ghax mhux awtorizzat mil-ligi"* jagixxi b'dak il-mod. L-artikolu 469A(1)(b)(i) u (iv), fil-fatt, jaghtu rimedju kontra l-amministrazzjoni pubblika meta din tagixxi b'mod li ma tkunx awtorizzata sabiex hekk tagixxi, u meta l-eghmil amministrattiv ikun imur mod iehor kontra l-ligi. Ghalhekk, hu car fil-fehma tal-Qorti, li r-rikorrent kellu rimedju ordinarju alternattiv u effettiv biex jitlob ridress ghall-ilmenti tieghu u, l-Qorti, ghalhekk, jidhrilha li, fid-dawl ta' dan in-nuqqas tar-rikorrent, ghandha tezercita d-diskrezzjoni taghha u tirrifjuta li tezercita l-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha.

Premess dan kollu din il-Qorti jidhrilha li ghandha tirrimarka li, fil-fehma taghha, l-intimat ghamel hazin meta irrifjuta li jircievi l-appell tar-rikorrent. Jekk l-appell tar-rikorrent huwiex validu jew le trid tarah il-Qorti aditta u mhux ir-registratur (ara, bhala applikazzjoni ta' dan il-principju, is-sentenza ta' din il-Qorti, f'materja civili, moghtija fid-9 ta' Gunju, 2005, fil-kawza fl-ismijiet <u>"Faces Consultants Ltd vs L-Awtorita' Dwar it-Trasport ta' Malta"</u>). Tajjeb jew hazin, ir-rikorrent ressaq appell quddiem l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali, u l-att tal-appell kellu jitella quddiem dik l-Onorabbli Qorti biex <u>hi</u> tiddeciedi jekk l-appell huwiex irritu, null jew validu. Mhux lecitu li ufficcjal amministrattiv jaghmilha ta' gudikant u jiddeciedi hu jekk att jew pretensjoni titqies valida jew le.

L-artikolu 184 tal-imsemmi Kodici jghid b'mod car x'ghandu jaghmel ir-registratur f'kaz ta' diffikulta' dwar il-prezentata ta' skrittura. Dan l-artikolu jipprovdi illi:

*"**184.** (1) Meta tinqala' xi diffikulta' dwar il-prezentata ta' skrittura, ir-registratur ghandu jgharraf b'dan lill-parti interessata, <u>izda ma jistax jirrifjuta li jircievi l-iskrittura</u>, hlief meta dan il-Kodici espressament jordna jew jaghti s-setgha lilu li jaghmel hekk. Fil-kaz ta' diffikulta' bhal din, hu ghandu, mill-aktar fis, jaghmel rapport lill-qorti, u din*

*taghtih l-ordnijiet mehtiega sabiex fuqhom huwa jimxi. Izda hu ghadnu jirrifjuta li jircievi skrittura li tkun tikser bic-car id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 174, 176 u 178.*

*(2) Fil-kazijiet kollha, ir-registratur ghandu, fuq talba li ssirlu ghaldaqshekk, jiddikjara bil-miktub ir-raguni li ghaliha jkun irrifjuta li jircievi l-iskrittura".*

F'dan il-kaz, ma jirrizultax li l-att tal-appell kien jikser *"bic-car"* id-disposizzjonijiet tal-artikoli imsemmija, u *kwindi* ma kellux jigi rifjutat. Kif inghad, huwa biss l-organu gudizzjarju li ghandu l-poter jiddikjara att irritu jew null, u ebda organu ufficcjali ma jista' jarroga fuqu innifsu poteri mhux moghtija lilu bil-ligi u bil-Kostituzzjoni.

Il-Qorti mhux qed tghid li kull min ihossu aggravat b'xi decizjoni li tittiehed fil-konfront tieghu irid ikollu dritt ta' appell; lanqas il-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ma tghid li d-dritt ta' appell ghandu jigi koncess dejjem u f'kull cirkostanza. F'kull kaz, *pero'*, ghandu jkun organu gudizzjarju li jiddeciedi jekk appell interpost huwiex permess, irritu, mhux misthoqq, null jew vessatorju, u mhux organu amministrattiv.

Jibqa' l-fatt, *pero'*, li kontra dan l-agir zbaljat tal-amministrazzjoni kien hemm, u sallum jidher li ghad hemm, rimedju ordinarju alternattiv, u din il-Qorti mhux lesta tissanzjona rikorsi ghall-Qrati kostituzzjonali ta' dan il-pajjiz meta jkun hemm gia provdut fl-ordinament guridiku ordinarju soluzzjonijiet effettivi kontra l-lanjanzi tac-cittadin. Rikorsi Kostituzzjonali huma, min-natura taghhom, specjali u straordinarji, u meta s-sistema ordinarja ta' ridress tipprovdi mod ta' soluzzjoni effettiva, dik is-sistema ordinarja trid tigi uzata u adottata qabel ma' l-Gvern, jew l-amministrazzjoni taghha, jigi akkuzat bi ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu. Ma jistax jinghad li l-Gvern ikun kiser id-drittijiet fundamentali tac-cittadin, meta lic-cittadin ikunu provduti u hemm disponibbli ghalih rimedji ghal-lanjanzi tieghu. In-nuqqas tal-amministrazzjoni f'dan il-kaz, *pero'*, ghandu jigi riflus fil-kap tal-ispejjez.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi, wara li tqis li kienu jezistu rimedji alternattivi ordinarji miftuha lir-rikorrent, tiddeklina milli tezercita’ l-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha, u tillibera lill-intimat mill-osservanza tal-gudizzju.

L-ispejjez tal-kawza, fic-cirkustanzi, jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------